# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 717/01**

**Numru 26**

**The Catering Centre Company Limited**

**vs**

**Yvonne McKinnon**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm3,328) dovuta bhala import ta' kambjali skaduti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fil-25 ta' Lulju 2001 u tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Marzu 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,328.00,0 bl-imghax legali mit-22 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-25 ta' Lulju 2001 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur